TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 56

L-Erbgha, 22 ta' Novembru, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fil-4.45p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresediet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti, is-Sindku, il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri, Josef Fitzpatrick u Stefano Savo.

Il-Kunsillier Mark Pisani informa li kien ma jiflahx u ghalhekk gie skużat.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 55 li saret nhar il-Hamis, 26 ta’ Ottubru, 2023, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA’ APOLOGIJI

*2.1* Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta’ apologija minghand il-Kunsillier Pisani li informa li kien ma jiflahx.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* Il-Kunsillier Savo staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-car park tal-isptar San Luqa. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li ghad ma kien hemm l-ebda żvilupp dwar dan.

## 4 QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-OCT 2023

*4.1* Tressaq quddiem il-Kunsill il Quarterly Financial Report ghall-perjodu Jan-Oct 23. Wara li saret diskussjoni dwaru, is-Sindku, ssekondata mill-Vici Sindku, pproponiet li dan id-dokument jigi approvat. (Appendici A) Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

## 5 KORRISPONDENZA

*5.1* Ma kienx hemm korrispondenza

## 6 MISTOQSIJIET

*6.1* Il-Kunsillier Savo ġibed l-attenzjoni dwar mera li nkisret fi Triq Clarence k/m Triq Qrejten. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li din kienet ser issir gdida.

*6.2* Il-Kunsillier Savo irrefera ghal news li kien hawn fil-granet li ghaddew mill-Ministeru ghat-Trasport dwar l-idea ta’ aktar Marinas ġodda fil-pajjiz. Huwa qal li l-Kunsill ghandu jara li ma jizdiedux aktar f’Tal-Pieta`.

## 7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*7.1* Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-NGO Friends of Villa Frere, trid tirregala siġra adattata ghal Pjazza San Luqa, fl-ewwel konka minn Triq San Luqa. Il-Kunsillier Savo qal li naraw li s-sigra li titpoġġa ma tikkawzax problemi long term. Kien hemm qbil dwar dan.

*7.2* Is-Sindku qalet li x-xoghol max-Xatt li qed isir mill-GHRC kien miexi u fil-granet li gejjin kien se jinbeda x-xoghol fuq il-parti l-ohra tal-progett.

## 8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***8.1*** Is-Sindku ssekondata mill-Vici Sindku, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 52. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

***8.2*** Il-Kunsill approva wkoll il-hlas tal-performance bonus lill-haddiema tal-Community Work Scheme hekk kif jidher fil-lista annessa.

## 9. TMIEM

***9.1*** Fis-5.45pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 19 ta' Dicembru, 2023, fil-12.30pm.,

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku